MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 57

25 ta' Lulju 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 57 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 6.5. **(056-04-11)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"6.5. Is-Sindku aċċenna għar-rifużjoni ta' spejjeż li huwa għamel biex attenda l-European Enterprise Award Ceremony f'Budapest l-Ungerija bejn it-22 u l-25 ta' Mejju 2011. Huwa qal li €230 ġew sussegwentement rimburżati lill-Kunsill mill-Unjoni Ewropea.".*

1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuti 18.2. **(Ref: K/1/3)** tas-seduta preċedenti u talab li tiżdied minuta oħra bin-numru 18.5. Is-Sur R. Cutajar talab li dawn jinqraw hekk:

*"18.1. Is-Sindku għarraf li rċieva ittra datata 30 ta' Ġunju 2011 mill-Kap Eżekuttiv tal-Automated Management Services Ltd (ARMS) li qed jistħarrġu l-possibilta` li jagħtu s-servizz imsemmi permezz tal-istaff tal-Kunsill. Huma lesti li jgħaddu lill-Kunsill €0.35 għal kull kont li jitħallas sabiex ikopri dan is-servizz.".*

*"18.5. Kien hemm qbil li s-Sindku kellu jikkomunika mal-ARMS sabiex is-servizz jiġi pprovdut minn impjegati tal-istess kumpanija fl-uffiċċju tal-Kunsill.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 56 u għalhekk dawn ġew iffirmati bl-emendi mressqa. Approva wkoll li dan id-dokument jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Aġġornament tas-Seduta (K/1/8)

2.1.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-aġġornament tas-seduta preċedenti u fakkar li s-Seduta 57 kienet ġiet appuntata għall-nhar it-Tnejn l-1 ta' Awwissu 2011 fis-7.30pm. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li skond l-Ordni Permanenti 5(m), id-data u l-ħin tal-aġġornament m'għandomx jinbidlu għall-ebda raġuni. Huwa lmenta li mhux possibbli li jibqa' tul din is-seduta kollha, minħabba inpenn familjari.

2.1.3. Is-Sindku wieġeb li d-data tbiddlet minħabba li l-Kunsill jrid jiddiskuti n-nomini tal-Isportivi Melleħin tas-Sena 2011, liema attivita' ser isseħħ fil-31 ta' Lulju 2011. Minħabba lapsus, dan il-punt ma tteħidtx in konsiderazzjoni waqt l-aġġornament. Kompla jgħid li s-seduta nbdiet fis-6.30pm, qabel il-ħin tas-soltu bil-għan li tintemm fis-7.30pm sabiex is-Sur J. Buttigieg ikun jista' jibqa' preżenti tul is-seduta kollha.

### 2.2.1. Parteċipazzjoni fil-*Car Free Day* (A/4/5/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li permezz ta' ittra datata 19 ta' Lulju 2011, is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali għarraf li ġew allokati € 3,000 għall-attivita` msemmija. Il-preżentazzjoni tagħhom ser issir fl-1 ta' Awwissu 2010.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. AvventuraSajf 2011 (E/3/4/Vol VIII)

2.3.2. IlKunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.8.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara d-deċiżjon li ttieħdet fl-istess seduta, ġew identifikat żewġ persuni li lesti jaqdu l-funzjoni ta' għalliema u *Learning Support Assistant (LSA).*

2.3.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.4.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara li tkellem mal-Kunsillier J. Buttigieg, ġew ikkuntattjati numru ta' persuni f'oqsma differenti li għandhom rabta mas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa; ix-Xelters tat-Tieni Gwerra; il-Mużew tat-Tunnara, it-Torri l-Abjad, it-Torri l-Aħmar, il-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ, minn Nature Trust u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu (*Blue Flag*), produtturi ta' ikel tipiku Malti u mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata. Dan sabiex jiġu identifikat tnax-il persuna li jkunu lesti jattendi għall-konferenza li ser issir f'Casalborgone Turin, bejn is-17 u d-19 ta' Settembru 2011.

2.4.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jattendu wkoll is-Sindku R. Cutajar u l-Kunsillieri J. Azzopardi u H. Fenech u s-Sur S. Borg mis-Segretarjat tal-Kunsill li qed jikkordina l-proġett.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 21/07/11;
- Skeda ta' Pagamenti – 02/07/11 – 22/07/11;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet ;
- Minuti ta' laqgħa pubblika dwar Arranġamenti Ġodda tat-Traffiku u r-Riforma fis-Servizz tal-Karozzi tal-Linja – 24/06/11;
- Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) mill-Udituri għas-sena finanzjarja 2010;
- Abbozz ta' tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Proġett ta' Ħal Ferħ f'Għajn Tuffieħa (P/5/1/Vol III)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* li huwa bgħat lill-Kunsillieri kollha fl-14 ta' Lulju 2011 fejn infurmahom li l-MEPA kienet għaddiet kopja tal-*Environment Impact Statement* dwar il-proġett imsemmi. L-istess awtorita` tat żmien sal-11 ta' Awwissu 2011 sabiex ikunu jistgħu jsiru rappreżentazzjonijiet dwaru.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. *Beach Hat Parade* (E/3/4/Vol VIII)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 25 ta' Lulju 2011, mibgħut mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu fejn qed jistiednu lill-Kunsill iħajjar tfal tal-iskola sabiex jieħdu sehem fl-attivita` msemmija. Din tkun tikkonsisti billi jsiru kpiepel minn materjal diġa wżat, flimkien ma' tfal oħra miż-Żurrieq u Pembroke. Qed jiġi propost li l-attivita` issir ġewwa l-Għadira fis-27 ta' Lulju 2011, bejn id-9.30am u l-11.00am, u tkun tikkonsisti fi:

- Skultura bir-ramel minn skultur professjonali;
- Skultura bir-ramel u kastelli bir-ramel mit-tfal;
- Preżentazzjoni ta' *Beach of Quality Certificates* u bnadar lir-rappreżentanti mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa; u
- Preżentazzjoni ta' ktieb lill-parteċipanti kollha.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li attivitajiet bħal dawn huwa validi għall-għoti tal-i*status* ta' *Blue Flag* u għalhekk iddeċieda li għandu jinvolvi wkoll it-tfal li qed jattendu AvventuraSajf.

### 4.3.1. Proġett ta' Tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-*Development Notification Order* dwar it-trasferiment tas-siġar tal-ficus li attwalment jinsabu fil-misraħ imsemmi, kienet ġiet milqugħa. Huwa qal li l-MEPA ħarġet il-permess minkejja li f'korrispondenza li kien hemm, is-Sindku kien informa lill-istess awtorita` li s-siġar in kwistjoni kien ilhom imħawwlin aktar minn ħamsin sena.

4.3.3. Il-Kunsillieri J. Azzopardi u J. Buttigieg qalu li minkejja l-ħruġ ta' dan il-permess, huma ma jaqblux li għandhom jinqalgħu s-siġar in kwistjoni. Jantiċipaw li t-tneħħija tagħhom ser iġib ħafna kritika għaliex in-nies jinħasdu bin-nuqqas tagħhom, peress li issa saru parti mill-karetteristika tal-post. Is-Sur J. Buttigieg qal li fi Triq Ħal Warda f'Ħ'Attard jeżistu siġar tal-ficus fejn ir-residenti kienu jilmentaw minħabba l-inkonvenjent li jikkawżaw. Minkejja dan, xorta waħda tħallew fil-post, filwaqt li riċentement ingħataw żabra sabiex jeliminaw l-inkonvenjent li jikkawżaw.

4.3.4. Is-Sindku wieġeb li minbarra illi s-siġar ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II qed jirrendu l-post maħmuġ bl-għasafar u ż-żerriegħa li taqa' minnhom, l-gheruq qed jikkawżaw ħsara fil-wiċċ tat-triq u fil-katusi tal-latrina li hemm fl-istess misraħ. Huwa aċċenna għall-minuti tas-seduta Nru. 45 tat-22 ta' Novembru 2010, fejn il-Kunsillier J. Buttigieg kien qabel mat-trasferiment tas-siġar u kien ippropona li jitħawwlu oħrajn taż-żnuber jew oħrajn simili.

### 4.4.1. Servizz tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 25.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed tinġabar lista ta' lmenti li jidħlu mill-pubbliku sabiex jiġu mqajjma mal-Ministeru responsabbli mit-Trasport. Huwa kompla jgħid li l-aktar wieħed komuni huwa li r-rotot 11 u 41 qed jitħdlu t-tnejn Buġibba u joħorġu sal-Qawra fi triqthom lejn il-Belt Valletta. B`effett mit-30 ta' Lulju 2011, ir-rotta 41 ser tgħaddi mir-rotta tas-soltu minn San Pawl il-Baħar u tibqa' ħierġa direttament għall-Burmarrad.

4.4.3. Is-Sindku għarraf ukoll li ser ikollu laqgħa ma' xi ħaddiema tal-Isptar Mater Dei li qed jaffaċċjaw dewmien biex jaslu u jirritornaw mix-xogħol bl-uzu tar-rotta X1, peress li din tieqaf biss fl-*interchange* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Minkejja li din ir-rotta tgħaddi mill-*bypass* tal-Mellieħa, il-*bus stops* li twaħħlu fil-qalba tal-Mellieħa, kellhom indikata fuqhom ir-rotta X1. Dawn it-tabelli issa ġew irranġati.

4.4.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-ħinijiet tat-tluq miċ-Ċirkewwa qed ikunu eżatt kif jasal il-vapur t'Għawdex, bir-riżultat li n-nies li jkunu qed jistennew mat-triq jibqgħu l-art.

**4.5.1. *Feature* dwar il-Mellieħa u *tour* virtwali (I/1/3/Vol V)**

4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-*e-mail* datat 22 ta' Lulju 2011, mibgħut minn MyMaltaInfo.com li offrew li jipproduċu *feature* ta' 90 sekonda dwar il-Mellieħa, li jinkludi wkoll *tour* virtwali madwar il-Mellieħa. Filwaqt li l-istess faċilita` tkun aċċessibbli mis-sit elettroniku www.mymaltainfo.com ikun jista' jiġi kollegat ma' siti oħra tal-Kunsill bħal www.mellieha.gov.mt u www.gov.mt . Is-Sur R. Cutajar li l-Kunsilli Lokali tar-Rabat (Malta) u tal-Birgu diġa qed jagħmlu użu minn dan is-servizz. Ix-xogħol ġie kkwotat €413.00 bil-VAT inkluża.

4.5.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta bil-għan li tingħata aktar pubbliċita` lil lokalita`.

**4.6.1. Programm "Mill-Għatba 'l Ġewwa" (M/3/Vol II)**

4.6.2. Is-Sindku aċċenna għal korrispondenza li huwa rċieva mill-produtturi tal-programm imsemmi, li jixxandar fuq Television Malta. Fost il-lokalitajiet li beħsiebhom jinkludu fis-sensiela msemmija jista' jkun hemm il-Mellieħa, bi spiża ta' €400 għal programm ta' siegħa u nofs.

4.6.3. Il-Kunsill laqgħa din il-proposta.

**4.7.1. Taħriġ mill-MCCAA lill-kunsillieri dwar il-*playing fields* (P/2)**

4.7.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-Memo 51/2011 datat 8 ta' Lulju 2011 dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa qal li attenda seminar organizzat mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* dwar is-saħħa u sigurta` fil-*playings*, kif ukoll miżuri li jridu jittieħdu biex jiġi eliminat il-periklu minnhom. Kull Kunsill intalab jagħmel spezzjonijiet ta' dawn il-postijiet sabiex jidentifika n-nuqqasjiet li hemm f'dawn ir-rigward. L-ħaddiem tal-IPSL mal-Kunsill, is-Sur Simon Camilleri ġie nkarigat biex jikkordina t-titjib li jista' jiġi ndikat mill-MCCAA.

4.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta' Lulju 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-2 u t-22 ta' Lulju 2011. Flimkien magħha kien hemm ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-2 ta' Ġunju u s-6 ta' Lulju 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi li għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid

**"Billi fis-seduta Nru. 48 tal-1 ta' Frar 2010 il-Kunsill kien awtorizza n-negozjar dwar l-akkwist tal-fond Nru. 4, fi Triq il-Madonna ta' Fatima bil-għan li jirrendi l-uffiċċju amministrattiv aktar funzjonabbli u flessibbli għaliex teżisti l-possibilta` li jitniffed mal-uffiċċju attwali f'Nru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida;**

**Billi skont evalwazzjoni li saret mill-Perit Joseph Attard ġie rrakkomandat li x-xiri tal-fond imsemmi hija l-aktar għażla rakkomandabbli, partikularment minħabba li dan imiss mal-uffiċċju eżistenti, u għalhekk jiġu evitati problemi ta' organizzazzjoni;**

**Billi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali awtorizza l-eżenzjoni mill-proċedura stabbilita fir-Regolamenti dwar l-Offerti (Avviż Legali 255 tal-2009) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005), sabiex isiru negozjati direttament mas-sidien tal-istess fond, mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa għall-offerti, minħabba li huwa appoġġjat mal-bini tal-uffiċċju attwali, liema eżenzjoni ingħatat permezz ta' żewġ *e-mails* datati 15 ta' Marzu u 3 ta' Settembru 2010; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2011 u fil-Pjan ta' Ħidma 2011-2013 ġew ivvutati fondi biżżejjed sabiex ikopru dan l-akkwist bil-prezz miftiehem ta' €210,000, flimkien mat-taxxa dovuta fuq it-trasferiment;**

**Il-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tal-konvenju u sussegwentement il-kuntratt relattiv, wara li jsiru r-riċerki u jinkisbu l-permessi kollha meħtieġa, inklużi dawk tal-MEPA u tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.". (K/1/2/Vol V)**

7.2. Fil-bidu tad-diskussjoni l-Kunsillier P. Cutajar rrefera għall-minuta 7.3. tas-seduta preċedenti, dwar id-dritt tiegħu li jivvota fuq il-mozzjoni t'hawn fuq fid-dawl tal-fatt illi huwa membru fuq il-Kumitat tal-Mellieħa Sports Club, li f'dan il-każ huwa l-venditur. Huwa għarraf li talab kjarifika dwar dan il-punt mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Permezz ta' *e-mail* datat 21 ta' Lulju 2011, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali wieġeb li skont l-artiklu 19(1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) ma jidhirx li għax persuna tkun membru ta' klabb għandha tipprekludi kunsillier milli jieħu sehem u jivvota. Għal-fini tal-liġi, klabb mhux meqjuż bħala negozju, imma għaqda volontarja.

7.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li huwa ma jaqbilx mal-mozzjoni għaliex il-proċess tax-xiri nbeda ħażin mill-bidu, billi saru kuntatti diretti bejn membri tal-Kunsill u diriġenti tal-Mellieħa Sports Club. Dawn kienu xprunati minn pressjoni li għandu l-kumitat tal-klabb sabiex jakkwista fondi biżżejjed ħalli jitkompla l-bini tal-kumpless biswit il-*ground* f'Ta' Pennellu. Kompla jgħid li skont applikazzjoni li saret lill-MEPA fl-2006 l-intenzjoni oriġinali tal-klabb kienet li jaqsam il-binja f'żewġ appartamenti, u jidher li minn tliet snin lill'hawn dan il-ħsieb inbidel u minflok tqiegħed għall-bejgħ. Huwa rrefera għall-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill 2009-2012 fejn m'hemm l-ebda referenza li l-Kunsill kellu l-ħsieb li jkabbar l-uffiċċju tiegħu. Is-Sur J. Buttigieg qal li ma kienx għaqli li ma nħarġitx sejħa għall-offerti, minħabba li seta kien hemm sidien oħra li għandhom proprjeta` appoġġjata mal-uffiċċju eżistenti, li forsi kienu disposti li jbiegħu u għalhekk ġew imċaħħda d-dritt li jitfgħu l-offerta tagħhom. Il-fond in kwistjoni jinsab mibni in parti fuq ħanut li jappartjeni lil terzi u għalhekk trid titħallas somma addizzjonali biex jiġi akkwistat, filwaqt li l-Mellieħa Sports kienu għamlu xi xogħlijiet li m'humiex koperti bil-permess tal-MEPA. Kompla jgħid illi in vista tal-fatt li dan il-fond kien ilu battal tliet snin u ħadd ma kien interessat li jixtrih, il-Kunsill kellu japprofitta ruħu minn dan il-fattur biex jottjeni prezz aħjar minn dak indikat fil-mozzjoni. Meta wieħed jara l-minuti tal-laqgħa li saret bejn delegazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Mellieħa Sports Club fit-22 ta' April 2010, id-diskussjoni kienet aktar ikkonċentrata fuq ir-raġunijiet għaliex il-Kunsill għandu jakkwista l-fond milli fuq in-negozjar tal-prezz. Is-Sur J. Buttigieg saħaq li x-xiri propost huwa ntiż għall-konvenjenza politika aktar milli biex jaqdi l-ħtiġijiet tal-Kunsill.

7.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo talab lill-Kunsillier J. Buttigieg sabiex jgħid x'ried ifisser bil-kliem "konvenjenza politika". Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li dan il-fattur għad javvela ruħu aktar 'il quddiem u mhux beħsiebu jikkummenta aktar dwaru. F'dan l-istadju huwa jgħid biss li s-Sindku għandu konflitt ta' interess billi riċentement ġie maħtur membru fuq il-bord maniġerjali tal-MSC.

7.5. Is-Sindku R. Cutajar ċaħad bil-qawwa kollha li saret xi pressjoni fuqu jew fuq xi membru ieħor tal-Kunsill sabiex jinxtara l-fond fi Triq il-Madonna Ta' Fatima. Huwa qal li l-artiklu 19(1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) jirreferi biss għall-interess pekunjarju, li f'dan il-każ ma' jeżistix għar-raġuni li l-MSC hija għaqda volontarja u mhux entita` kummerċjali. Kompla jgħid li d-Dipartiment għall-Gvern intalab jagħti eżenzjoni mill-obbligu statutorju li ssir sejħa għall-offerti għas-sempliċi raġuni li l-post joffri ċerti vantaġġi ovvji, bħalma huma d-daqs u l-posizzjoni tiegħu li jagħmilha aktar faċli li jitniffed mal-uffiċċju eżistenti. Is-Sur R. Cutajar fakkar li dawn il-fatturi huma spjegati fir-rapport li sar mill-Perit Joseph Attard, fejn qabbel it-tliet għażliet li jista' jagħmel il-Kunsill biex ikabbar id-daqs tal-uffiċċju, li huma: dik li jinbena sular ieħor fuq il-fond eżistenti; li jinkera fond ieħor; u li jinxtara il-fond appoġġjat mal-uffiċċju attwali. Il-perit irrakkomanda li l-aktar waħda vijabbli hija dik tal-aħħar. Il-fatturi negattivi tal-fond fi Triq il-Madonna Ta' Fatima ġew identifikati diversi drabi b'mod ċar, kemm waqt is-seduti tal-Kunsill, kif ukoll fil-kuntatti li kien hemm mal-MSC. Dawn tant ittieħdu bis-serjeta` illi kemm-il darba ma jiġux regolarizzati, ser ikun hemm stipulat fil-konvenju li l-Kunsill ikollu l-jedd li ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-att finali f'każ li l-permessi ma jingħatawx jew jingħataw permessi li ma jkunux a sodisfazzjon tal-istess Kunsill. Huwa qal li mhux ġust li jingħad li d-delegazzjoni tal-Kunsill kienet laxka fin-negozjati mal-MSC dwar il-prezz, meta l-Kunsill kien ilu jiddiskuti dan is-suġġett għal aktar

minn sena, fejn il-Kunsillieri kollha kienu mistiedna jkunu preżenti waqt il-kuntatti li saru u kullħadd kellu l-opportunita` li jsemmgħa leħnu. Mill-istess minuti kkwotati mill-Kunsillier J. Buttigieg, jidher biċ-ċar li t-talba oriġinali tal-MSC kienet ta' €250,000. Is-Sur R. Cutajar qal li ma jistax jifhem kif il-grupp tal-Partit Laburista qed imur kontra l-mozzjoni, meta l-perċezzjoni ta' diversi nies intiżi fil-qasam tal-proprjeta` u Melleħin huma favur li l-Kunsill jagħmel dan il-pass.

7.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna li l-Kunsill ma kkunsidrax bis-serjeta` il-possibilta` li jinbena sular ieħor fuq l-uffiċċju attwali għaliex b'hekk kien jinħoloq aktar spażju. Minbarra dan kellha tiġi espolarata l-possibilta` li jinxtara l-post fi Triq il-Mitħna l-Ġdida li huwa appoġġjat ma' uffiċċju li joffri aċċess mit-triq aktar faċli. Is-Sindku ntervjena f'dan il-punt biex ifakkar li l-pariri tal-perit kienu jgħidu mod ieħor.

7.7. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li post illi rrefera għalih il-Kunsillier J. Azzopardi fil-minuta 7.6. mhux daqshekk spazjuż, filwaqt li mhux magħruf jekk sidu jridx ibiegħu. Huwa qal ukoll li ħadd ma jista' jgħid li d-delegazzjoni tal-Kunsill kienet laxka fin-negożjati tagħha dwar il-prezz miftieħem li niżel minn €250,000 għal €210,000. Huwa fakkar li meta jitqies id-daqs u l-ammont ta' *refurbishment* li jirrikjedi, dan il-prezz jipparaguna tajjeb ma' dak li ġie akkwistat il-fond attwali f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, li fl-2003 kien nxtara bil-prezz ta' €198,000.

7.8. Wara li ma kienx hemm aktar Kunsillieri li xtaqu jitkellmu fuq il-mozzjoni li kienet issekondata mill-Viċi Sindku E. Bartolo, din għaddiet b'erba' voti favur u tlieta kontra.

## 8.1. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2010 (F/1/2/Vol VIII)

8.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2010, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

8.3. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba, li ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 9.1. Tħejjija għall-attivita` Sportivi Melleħin tas-Sena (S/4/4)

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li n-nominazzjoni li saru kienu kif ġej:

| Premju | Nominat | Nominazzjoni Mressqa Minn: |
|---|---|---|
| L-Isportiv Mellieħi tas-Sena | William Chetcuti (Sparar fuq il-Plattini) | Ċentru Laburista<br>Uffiċċju Partit Nazzjonalista<br>Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin |
| | Liam Gauci (Karate) | Marco Gauci<br>Mellieħa Tritones Club |
| | Matthew Vella (Futbol) | Mellieħa Sports Club |
| L-Isportiv Melleħi tas-Sena | Karen Debono (Netball) | Azzjoni Kattolika Mellieħa |
| L-Uffiċjal Mellieħi tas-Sena | Ronald Vella u Ray Farrugia (*Coaches* tat-Tim Nazzjonali tal-Futbol taħt il-21 Sena) | Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| | Carmel Bartolo (Viċi President – Malta Football Association) | Uffiċċju Partit Nazzjonalista |

| Premju | Nominat | Nominazzjoni Mressqa Minn: |
|---|---|---|
| L-Atleta Promettenti tas-Sena | Liam Gauci (Karate) | Marco Gauci<br>Mellieħa Tritones Club<br>Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| | Matthew Vella (Futbol) | Mellieħa Sports Club<br>Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| | Darren Vella (Sparar fuq il-Plattini) | Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin |
| L-Aħjar Att Sportiv | Mellieħa Tritones u Mellieħa Athletic Club | Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| It-Tim Sportiv tas-Sena | Northenders Baseball Team | Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| | Mellieħa Athletic Club | Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina |
| | Tim tal-Mellieħa tal-Futbol taħt il-ħmistax-il sena | Uffiċċju Partit Nazzjonalista<br>Mellieħa Sports Club |

9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li wara l-edizzjoni tas-sena 2010 kien hemm qbil li l-konkors qed jiġi ddominat minn sportivi li għamlu isem fuq bażi nazzjonali u/jew internazzjonali, filwaqt li dawk li għadhom telgħin mhumiex qed jiġu nkoraġġiti ħalli jkomplu javvanzjaw. Jiġri wkoll li n-nominazzjonijiet qed kull darba jkunu dominati mill-istess ismijiet. L-emfasi għandu jkun aktar fuq sportivi li għadhom qed jitrawwmu fuq bażi individwali jew mat-timijiet lokali. Huwa fakkar li għalhekk kellu jitwaqqaf sotto-kumitat kompost minn żewġ kunsillieri u żewġ opinjonisti fil-qasam sportiv sabiex jirrevedi l-kriterji.

9.4. Is-Sindku ppropona li għar-Rikonoxximent mill-Kunsill Lokali Mellieħa għal Ħidma b'Risq l-Isports fil-Mellieħa, għandu jiġi nnominat is-Sur Dennis Fenech li kien *coach* tat-tim tal-futboll tal-Mellieħa meta ġew promossi fil-Premier Division fl-istaġun 1992/93.

9.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li fl-għoti ta' dan l-unur għandu jiġi addottat il-kriterju tal-volontarjat. Huwa ppropona n-nomina tas-Sur Alfred Vella li kien wieħed mill-fundaturi tal-Mellieħa Sports Club

9.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona lis-Sur Steven Fenech li huwa stabbilit lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali bħala *wheelchair dancer* li kiseb diversi suċċessi.

9.7. Il-Kunsill qabel li r-Rikonoxximent mill-Kunsill Lokali Mellieħa għal Ħidma b'Risq l-Isports fil-Mellieħa għandu jingħata lis-Sur Alfred Vella.

9.8. Kien hemm qbil ukoll li s-Sur Albert Borg għandu jiġi nominat bħala atleta li kkompeta fl-i*Special Olympics* fil-*bowling* sabiex jiġi kkunsidrat mill-ġurija għall-unur Sportiv Mellieħi tas-Sena, flimkien ma' William Chetcuti.

9.9. Is-Sindku ppropona li s-serata tkun ippreżentata mis-Sinjorina Janice Briffa u s-Sur Chris Cauchi.

9.10. Il-Kunsill qabel li l-inkarigu ta' preżentaturi jingħata lill-persuni msemmija.

## 10.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2011 **(A/5/3/5/Vol IV)**

10.2. Is-Sindku għarraf li t-tnedija tal-Iljieli Melleħin 2011 ser issir waqt konferenza stampa li d-data tagħha titħabbar aktar 'il quddiem. Huwa aċċenna għall-fatt li s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali alloka €8,000 għal dawn l-attivitajiet.

10.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo stqarr li l-*logo* tal-Iljieli Melleħin ser jikkonsisti f'persuni definiti b'mod ċar, kontra kif kien il-każ f'edizzjonijiet preċedenti meta ddaħħlu *silhouettes*.

10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 11.1. Applikazzjoni ghall-*Blue Flag Status* għall-Bajja tal-Għadira (X/1/1/Vol II)

11.2. Is-Sindku għarraf li fl-10 ta' Awwissu 2011, is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Chris Said ser jorganizza konferenza stampa fil-Bajja tal-Għadira dwar l-inizjattivi li qed jieħu l-Gvern biex din il-bajja tingħata l-i*status* ta' *Blue Flag*. Huwa qal ukoll li dakinhar ser ikun hemm it-tfal li jattendu għall-AvventuraSajf, kif ukoll il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 12.1. Mellieħa *EDEN Conference* u Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (T/12/2)(K/1/2/Vol V)

12.2. Is-Sindku rrefera għall-Mistoqsija Parlamentari 27667 li saret lill-Prim Ministru mill-Onor. Evarist Bartolo fit-18 ta' Lulju 2011. Fl-istess mistoqsija d-Dipartiment għall-Gvern Lokali intalab jinvestiga hijiex ġustifikata n-nefqa qawwija ta' kważi €28,000 fuq il-konferenza ta' jumejn imsemmija aktar 'il fuq, li ġiet organizzata mill-Kunsill tal-Mellieħa. Mal-istess mistoqsija kien hemm rendikont tan-nefqa, filwaqt li talab ukoll jiġi verifikat jekk ġewx osservati il-proċeduri stabbiliti għal attivitajiet simili.

12.3. Il-Sur R. Cutajar ikkummenta li ma jistax jifhem kif deputat parlamentari Mellieħi jikkritika u jfixkel inizjattiva li kienet intiża li tagħti pubbliċita` lill-lokalita` fost il-barranin. Il-konferenza *per se*` kienet suċċess għall-Malta u b'mod speċjali għal-lokalità tal-Mellieħa. Is-Sindku kompla jgħid li dan is-suċċess kien rikonoxxut minn kulħadd, inkluż mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll mill-Kunsillier John Buttigieg, li kien feraħlu għal mod kif ġiet organizzata din il-konferenza. Il-Konferenza EDEN iġġenerat kummerċ tajjeb fil-Mellieħa, kemm fil-lukandi, kif ukoll għal negożji oħra. L-Onor. E. Bartolo dan ma qiesu xejn, u minflok għażel li jesponi uħud min-negozji li taw xi servizz b'rabta mal-konferenza, b'isimhom.

12.4. Is-Sindku rrefera wkoll għal servizz imħejji mill-istess deputat, li xxandar fuq ONE TV fil-bullettin tal-aħbarijiet tat-7.45pm tal-24 ta' Lulju 2011. Huwa qal li dan kien attakk fuqu personali u fuq il-Mellieħa Sports Club (MSC), li skont l-Onor. E. Bartolo sar qisu Każin Nazzjonalista. Jiddispjaċih li dawn l-attakki baqgħu għaddejjin u li ċertament għandhom il-approvazzjoni tal-kunsillieri tal-Partit Laburista. Kompla jgħid li dan assolutament mhux minnu, peress li hemm diversi nies assoċjati mal-MSC li għandhom tendenzi Laburisti, fosthom l-Kunsillier J. Buttigieg li ngħata l-kariga ta' *Chairman* tal-*Football Nursery* li tappartjeni lill-klabb.

12.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa sar jaf li xxandar is-servizz imemmi mingħand in-nies u ma kien hemm ebda kuntatt miegħu qabel ħareġ.

12.6. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ser joħroġ stqarrija dwar l-allegazzjonijiet li saru mill-Onor. E. Bartolo, kemm fuq il-Konferenza EDEN, kif ukoll dwar il-kontenut tas-servizz mxandar fuq ONE TV. Huwa qal li min-naħa tiegħu, il-Prim Ministru talab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinvestiġa dwar jekk kienux osservati l-proċeduri applikabbli f'kull każ tan-nefqa ndikata.

### 13.1. Kunċert *Rock* b'risq il-Fond Puttinu Cares (S/6/Vol IV)

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li nhar il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu 2011 jittellgħa kunċert ta' mużika *rock* fi Ġnien il-Qigħan, fejn id-dħul ikun mingħajr ħlas, filwaqt li l-għotjiet li jsiru, kif ukoll id-dħul mill-bar imorru b'risq il-fond imsemmi. Huwa qal li l-ispiża tad-dwal u l-audio mhux mistennija li taqbez €1,200.

13.3. Minħabba d-disturb li tista' tikkawża attivita` bħal din fil-madwar, il-Kunsill kien tal-fehma li l-kunċert għandu jsir f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, li huwa post aktar ċentrali u jidher mill-pubbliku.

### 14.1. *Soft area* bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida K/6/4/1

14.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-proġett imsemmi u għarraf li x-xogħol fuqu nbeda u għaddej b'ritmu mgħaġġel. Huwa qal li qed isiru kuntatti sabiex jiġi determinat l-aħjar tip ta' *water features* li jistgħu jiġu nstallati. Qed jiġi propost li jkun hemm tlieta minn dawn u l-għoli tal-ilma li jittajjar minnhom ikun determinat mill-qawwa tar-riħ li jkun jonfoħ. Stima tal-ispiża nvoluta ser tiġi sottomessa mill-kuntrattur konċernat fis-seduta li jmiss.

14.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

14.4. Il-Kunsillieri J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li s-sit affettwat b'dan l-iżvilupp baqa' ma ġiex imdawwar b'*hoarding* mill-kuntrattur konċernat.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fis-7.45pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Awwissu 2011, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**